# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

**Maġistrat dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (*melit*)**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Josephine Borg u Karen Borg**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra

**Josephine Borg** ta' 66 sena' bint Joseph u Josephine nee' Scalpello imwielda Birzebbuga fil-11 ta'Dicembru 1949 u toqghod 48 Triq San Filippu Birzebbuga detentrici tal-karta ta' l-identita` bin-numru 66750M u

**Karen Borg** ta' 32 sena' bint Amadeo u Josephine nee' Caruana imwielda Pieta' fl-1 ta' April 1983 u toqghod Lotus Flat 12 Triq Il-Kuncizzjoni Zurrieq detentriċi tal-karta tal-identita` bin-numru 217583M u li ġew akkużati talli fil-11 ta' Diċembru 2015 għal-ħabta tas-7pm minn EGO Stationery li jinsab fi Triq Is-Sur il-Fgura u/jew f'dawn il-gżejjer ikkommettew serq ta' pupi, frame, bracelet, tablet u/jew oġġetti oħra għad-detriment ta' Jonathan Vella u/jew persuni oħra liema serq aggravat bil-valur li ma jaqbiżx l-€2329.3 u bil-ħin.

Rat id-dokumenti eżibiti u l-atti processwali kollha, inkluż il-fedina penali tal-imputati;

Rat li l-imputati, preżenti l-Avukat Difensur Dottor Joseph Brincat iddikjaraw li kienu ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba rispettivament kontra tagħhom.

Il-Qorti spjegat lill-imputati fi kliem sempliċi u li jinftiehem l-effetti u l-konsegwenzi li jitnisslu minn dikjarazzjoni ta' ammissjoni ta' ħtija għall-akkużi li jkunu miġjuba kontrihom individwalment u separatament fis-sens li l-Qorti setgħet, fuq din l-ammissjoni tgħaddi biex issibhom ħatja u timponi piena skont il-Liġi, li fiċ-ċirkostanzi segħtet tkun waħda ta' priġunerija.

Wara li tat żmien biżżejjed lill-imputati sabiex jekk iridu jerġgħu lura mill-istess dikjarazzjoni ta' ammissjoni ta' ħtija, u wara li anke tat l-opportunita' li jikkonferixxu ma' Avukat Difensur reġgħu tennew li huma kienu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Fiċ-ċirkostanzi l-Qorti m'għandhiex alternattiva għajr illi ssib lill-imputati ħatja tal-imputazzjonijiet miġjuba kontrihom.

Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet u senjatament lill-Uffiċjal Prosekutur li saħaq li f'dan il-każ l-imputati kienu irritornaw lura r-*res furtiva* mill-

ewwel lil siddha u li kkoperaw ukoll mal-Pulizija u li f'dan il-każ, il-Qorti setgħet tikkonsidra li ma timponix sentenza ta' priġunerija effettiva u setgħet tikkonsidra pieni alternattivi għal dawk karċerarji.

Semgħet lid-Difiża taderixxi ma dak mistqarr mill-Uffiċjal Prosekutur u żiedet inoltre li fil-fehma tagħha f'dan il-każ kien indikat li jiġu applikati d-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta.

**<u>Ikkunsidrat : -</u>**

Li din il-Qorti rat li minn dak maqbul quddiem mill-partijiet jirriżulta li l-imputati irrestitwew ir-res furtiva lil sidha qabel ma inbdew dawn il-proċeduri. Fil-fehma tal-Qorti għalhekk hemm lok li jista' jiġi applikat fil-konfront tagħhom l-Artikolu 337(2) tal-Kodiċi Kriminali. Il-Qorti qieset ukoll pero li r-reati kontra l-proprjeta saru wisq komuni u qegħdin jirrekaw ħsara kbira lil-vitmi ta' l-istess reati kif ukoll lis-soċjeta Maltija. Il-Qorti tqis li hemm lok li jeħtieġ li dawn ir-reati ikunu puniti b'pieni li jservu wkoll ta' deterrent lil min jikkommettihom; għalkemm ma tqisx li f'dan il-każ, ikun indikat li l-imputati jiġu kundannati għal piena karċerarja effettiva.

Il-Qorti rat li f'dan il-każ, stante li s-serqa in kwistjoni kif ammessa kienet kwalifikata kemm bil-valur kif ukoll bil-ħin, ai termini tal-Artikolu 280(1) tal-Kodiċi Kriminali l-imputati huma soġġetti għall-piena

ta' priġunerija li tvarja bejn il-ħames xhur u t-tliet snin; iżda minħabba l-aggravju tal-ħin skont l-Artikolu 280(1) tal-Kodiċi Kriminali il-piena għar-reat ta' serq kwalifikat bil-valur u (f'dal-każ) il-ħin, "il-ħati jeħel, skont il-każ, il-pieni msemmijin fl-aħħar artikolu qabel dan, iżda dawn ma jingħatawx fil-*minimum* tagħhom." Dan ifisser li f'kull każ, il-piena minima trid tiġi maħduma skont l-Artikolu 20 tal-Kodiċi Kriminali u f'dan il-każ ma tistax tingħata f'ammont li jkun anqas minn għaxart xhur u għaxart ijiem priġunerija għalkemm dejjem soġġetta għall-massimu ta' tliet snin priġunerija. Din il-Qorti tqis li għalkemm għandha timponi piena li tieħu kont tal-ammissjoni bikrija tal-imputati u r-restituzzjoni tar-res furtiva qabel inbdew il-proċeduri mill-banda l-oħra għandha tieħu kont tas-serjeta tar-reat tas-serq kwalifikat għar-raġunijiet aktar il-fuq imsemmija.

# ***Deċide :***

li għar-raġunijiet premessi, filwaqt li ssib lil fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputati stess, il-Qorti qegħda ssib lil **Josephine Borg** u lil **Karen Borg** ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontra tagħhom. Kwantu tal-piena, wara li rat l-Artikoli 261(c)(f), 267, 270, 279A u 280(1) tal-Kodiċi Kriminali tikkundannhom għal piena ta' **ħdax il-xahar priġunerija**. Kwantu għall-piena wara li rat l-Artikoli 28A(1) u 28B tal-Kodiċi Kriminali tordna li din is-sentenza in kwantu għal piena ta' priġunerija m'għandhiex tibda' sseħħ ħlief jekk matul il-perjodu ta' sena

mill-lum l-imputati jikkommettu reat ieħor punibbli bi priġunerija u dan wara li l-Qorti kompetenti tkun ai termini tal-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali ordnat li din is-sentenza għandha tiġi fis-seħħ.

Ai termini tal-Artikolu 28A(4) tal-Kodiċi Kriminali l-Qorti spjegat bi kliem li jinftiehem lill-ħatja r-responsabbilita tagħhom mnissla mill-Artikolu 28B tal-Kodiċi Kriminali fil-każ li huma jikkommettu reat ieħor li għalih hemm il-piena ta' priġunerija fil-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

***Mogħtija illum id-19 ta' Lulju 2016 fil-Qrati tal-Ġustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***